MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Numru 556/1999

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Valletta)
(Spettur Pierre Calleja)
vs
Mark Abdilla, Carmel sive Charles Zammit
u Josephine sive Joanne Vella

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli f'Malta fis-26 ta' Awissu, 1995 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe :

a) talli fil-perjodu ta' qabel is-26 ta' Awissu, 1995, iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta gew prezentati irceva bihom hlas, jew hadu kunsinna ta' oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn

ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u xjentement ghamlu uzu mill-istess dokumenti iffalsifikati u cioe' cekkijiet tal-Lombard Bank (Malta) Limited li jappartjenu lil Lynx Investments Limited;

b) ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-Lombard Bank (Malta) Limited li jappartjenu lil Lynx Investments Limited, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess dokumenti falsifikati u cioe' cekkijiet tal-Lombard Bank (Malta) Limited li jappartjenu lil Lynx Investments Limited.

c) sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom iniffishom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

d) b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra, sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, seta' fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn LM100 ghad-detriment ta' Lynx Investments Limited u persuni ohra;

e) talli fl-istess perjodu, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Mark Abdilla wahdu akkuzat :

f) talli fit-18 ta' Mejju, 1995 ghall-habta ta' 4.30p.m. f'San Giljan, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' zewg (2) handbags minn fuq il-persuni anzjani ta' Phyllis Kay, ta' 64 sena, u ta' Allen Richardson ta' 73 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-valur;

g) talli fid-19 ta’ Mejju, 1995 ghall-habta ta’ 1.40a.m. f’San Giljan, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta’ handbag kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Klaine Ward, liema serq hu aggravat bi vjolenza, hin ghad-detriment ta’ l-imsemmija Elaine Ward;
h) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-imsemmija Elaine Ward ta’ nazzjonalita barranija;
i) u aktar talli fid-19 ta’ Mejju 1995 ghall-habta ta’ l-10.00p.m. f’San Pawl il-Bahar flimkien ma persuna ohra ikkommetta serq ta’ handbag kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Vaes Jacqueline ta’ nazzjonalita barranija, liema serqa huwa kkwalifikat bil-valur u hin ghad-detriment tal-istess Vaes Jacqueline;
j) U aktar talli fid-19 ta’ Mejju 1995 ghall-habta ta’ 10.20p.m. f’San Pawl il-Bahar flimkien ma persuna ohra ikkommetta serq ta’ handbag kontenenti diversi oggetti ta’ valur minn fuq il-persuna anzjana ta’ Janet Foster, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u hin ghad-detriment ta’ l-imsemmija Janet Foster;
k) talli huwa kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn (2) prigunerija sospiza ghal erba’ (4) snin datata l-4.4.1995;
l) talli huwa kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 ta’ Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza datata il-15.09.1992 fejn hu kien gie misjub hati ta’ reat u illiberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin;
m) fl-ahharnett nakkuzah talli huwa sar recediv b’sentenzi tal-Qorti datati 02.02.94 u 24.03.95 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Lil Carmel sive Charles Zammit wahdu akkuzat :

talli huwa kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 29 ta’ Settembru, 1993, fejn hu kien gie misjub hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin;

Lil Josephine sive Joanne Vella akkuzata :

talli ikkommetiet reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 26 ta’ April, 1993, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-23 ta’ Frar, 1999 li permezza taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fil-konfront ta’ Mark Abdilla biss :
Fl-Artikoli 18, 167, 183, 188, 308, 334, 261(c), 276(a), 279(a), 261(a) (f), 262, 270, 277(b), 274(c), 261(c) (f), 267, 270, 279, 280, 261(c) (f), 267, 270, 279, 280, 28(a), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 10(1) (a) tal-Kap 152;

Fil-konfront ta’ Carmel sive Charles Zammit biss :
(a) Fl-Artikoli 18, 167, 183, 188, 308, 334 tal-Kodici Kriminali 10 (1) (a), tal-Kap 152;

Semghet lill-imputati Mark Abdilla u Carmel sive Charles Zammit jiddikjaraw illi ma kellhom l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Marzu, 2001 li permezz tieghu ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju biex b’hekk il-proceduri fil-konfront ta’ l-imputat Carmel sive Charles Zammit gew separati mill-proceduri kontra Mark Abdilla;

Illi ghalhekk f’dan l-istadju l-Qorti sejra tghaddi biex taghti gudizzju fil-konfront tal-imputat Carmel sive Charles Zammit.

Illi fil-konfront ta’ dan l-imputat l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi debitament assistit huwa volontarjament irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlief ghall-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi dan l-imputat beda u ittermina b'success programm ghar-riabilitazzjoni tad-droga mas-SATU. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi ilu zmien twil jaf lill-imputat u illi bejn wiehed u iehor f'perjodu tal-hames snin illi ghaddew dan l-imputat ma regax kellu problemi mal-pulizija. Inoltre l-imputat anke ghin lill-Ufficjal Prosekutur f'xi investigazzjonijiet illi kellu u tah ukoll informazzjoni. Effettivament l-Ufficjal Prosekutur jemmen li dan huwa kaz fejn l-imputat finalment irrealizza illi jaqbillu jaqbad it-triq it-tajba u jibqa miexi fiha.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, filwaqt illi l-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputat Carmel sive Charles Zammit <u>hati</u> tal-imputazzjonjiet kollha migjuba kontra tieghu, hlief ghal dik ta' ricettazzjoni u dana peress illi mill-atti ta' dan il-process ma irrizultax b'mod univoku illi l-mink coat in kwistjoni kien gej minn serq, il-Qorti tara, wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tar-Rinviju ta' l-Avukat Generali tat-23 ta' Frar 1999, illi ma jkunx jaqbel f'dan il-kaz illi tigi applikata l-piena ta' prigunerija u jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll u anzi b'mod specjali ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat Carmel sive Charles Zammit jibqa miexi fit-triq it-tajba illi jidher illi qabad.

Illi pero' l-Qorti tara illi jkun aktar aqli illi f'dan il-kaz taghmel ordni ta' probation, illi permezz tieghu tqieghed lil dan l-imputat taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation li ghandu jigi mahtur mid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-probation u dana wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 446.

Il-Qorti qeghda taghmel ghalhekk dan l-ordni ta' probation illi ghandu jibda isehh b'effett mil-lum ghall-perjodu ta' tlett snin u permezz tieghu, kif diga intqal, l-imputat Carmel sive Charles Zammit ser ikun taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation illi ser jigi mahtur kif intqal skond il-Ligi.

Il-Qorti tiddikjara li qeghda minnufih tghaddi kopja ta’ din l-ordni ta’ probation lid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-probation u lill-imputat Carmel sive Charles Zammit.

Il-Qorti finalment tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati Carmel sive Charles Zammit bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikser dan l-ordni tal-probation, jew jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ tlett snin imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------